MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2008

Citazzjoni Numru. 196/1997/1

Antoinette mart John Sultana

vs

L-istess John Sultana

Il-Qorti,

Ic-citazzjoni attrici tghid:

Illi hija zzewget lill-konvenut John Sultana fis-17 ta' Ottubru 1972 u miz-zwieg taghhom kellhom erbat ulied jigifieri Josephine ta' 25 sena, Ruth ta' 21 sena, Jacquline ta' 18-il sena u Ismail Victor ta' 14-il sena u li ghalhekk dan ta' l-ahhar ghadu minorenni;

Illi l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti m'ghadhiex iktar possibbli u dan minhabba adulterju, sevizzi, swat u mohqrija pperpetwati da parti tal-konvenut;

Illi permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja fis-16 ta' April tas-sena korrenti, l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'din il-kawza;

Talbet ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghar-ragunijiet l-ohra li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;
2. konsegwentement tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif kontemplati fl-Artikolu 48 sa 51 tal-Kodici Civili, Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta;
3. tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-kontendenti;
4. tillikwida l-istess komunjoni u tiddividiha skond il-ligi, dejjem salv dak intalab fuq bil-komminazzjonijiet applikabbli fil-konfront tal-konvenut skond il-ligi;
5. tordna li l-kustodja tal-minuri Ismail Victor Sultana tigi fdata lill-attrici;
6. tiffissa dik ir-retta alimentari pagabbli mill-konvenut lill-attrici u lill-binha u tikkundannah sabiex ihallas l-istess;
7. tawtorizza lill-attrici sabiex flimkien ma' binha Ismail Victor tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ad esklussjoni tal-konvenut;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja; il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha akkompanjanti l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. illi huwa jaqbel illi l-hajja konjugali ta’ bejniethom ma ghadhiex aktar possibbli pero’ jichad illi b’xi mod kien responsabbli ghal dan;
2. illi a rigward tal-ewwel talba attrici din ghandha tigi michuda in kwantu bazata fuq adulterju, sevizzi, swat u mohqrija da parti tal-konvenut lejn martu, anzi kienet l-istess attrici li rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju fil-konfront ta’ zewgha l-konvenut u sa ppruvat tisfratta familja biex tifforma relazzjoni ma’ ragel iehor kif tista’ tikkonferma bintha Josianne Sultana, kif ukoll kienet l-istess attrici li rrendiet ruhha hatja ta’ swat, mohqrija u ingurji gravi u zeblieh lill-konvenut kemm fil-prezenza ta’ uliedhom kif ukoll mhux fil-presenza taghhom kif jistghu jikkonfermaw dan l-istess ulied u wkoll ix-xhieda Grace Cassar u Peter Paul Portelli;
3. illi t-tieni domanda attrici lanqas hija fondata u ghalhekk ghandha tigi michuda u dan peress li m’hemmx ragunijiet validi l-ghaliex ghandha tigi ddikjarata d-dekadenza tad-drittijiet da parti tal-konvenut ai termini tal-Artikoli 48 sa 51 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. illi a rigward t-tielet u r-raba domandi attrici l-konvenut ma jopponix li tigi xjolta u likwidata u diviza l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-kontendenti b’dan illi l-konvenut jigi assenjat nofs ta’ dak kollu li jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti u jigi wkoll assenjat nofs il-beni mmobbli tal-komunjoni liberi u franki minn kwalunkwe piz, gravam, servitu’ jew kundizzjoni u bil-pussess battal u f’kaz li l-beni mmobbli jirrizultaw li m’humiex komodament divizibbli din il-Qorti tipprovdi r-rimedju xieraq lill-konvenut skond il-ligi;
5. illi l-konvenut jopponi bil-qawwa kollha li l-kustodja tal-iben minuri Ismael ghandha tigi affdata lill-attrici wahedha u jrid li l-kustodja tat-tifel minuri tibqa’ liz-zewg genituri flimkien u li jkunu l-istess genituri flimkien li jistabilixxu kif ghandhom jibqghu jiehdu hsieb il-minuri fl-ahjar interess tieghu bl-intervent tal-Qorti f’nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet;
6. illi l-esponenti qatt ma cahad u mhux icahhad lil ibnu minuri r-retta alimentari kif gie stabbilit mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja bid-digriet tas-16 ta’ April 1997 izda jopponi bil-qawwa kollha li

jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-attrici u dan peress illi l-istess attrici taghmel diversi xoghlijiet li minnhom ghandha dhul regolari u d-dhul jisboq ferm id-dhul tal-konvenut u la kienet u lanqas hija interdipendenti fuq id-dhul tal-konvenut u oltre dan il-konvenut gie mghobbi bi spejjez zejda u inutili meta kien kostrett li jmur jikri dar fejn jghix meta gie ordnat lilu johrog mid-dar matrimonjali wara li l-attrici giet moghtija l-fakolta' li pendente lite hi tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut;

7. illi l-konvenut ma jopponix ruhhu li sakemm it-tifel minuri Ismael Victor isir maggorenni l-attrici flimkien ma' l-istess binha minuri jibqghu jghixu fid-dar matrimonjali izda appena l-minuri jsir tal-eta' maggorenni u ma jibqax jiddependi minn ommu, l-attrici tigi ordnata tizgombra mid-dar matrimonjali bil-pussess battal halli l-konvenut jiehu s-sehem tieghu mill-imsemmija dar b'mod gust u skond il-ligi;

8. illi l-konvenut m'ghandux jigi tenut ibati l-ispejjez ta' din il-kawza wahdu billi l-hajja konjugali ta' bejniethom giet resa impossibbli kollu tort u htija tal-attrici;

9. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tal-10 ta' Marzu 1998 ta' dina l-Qorti diversament preseduta fejn fuq talba tad-difensuri tal-partijiet gie nominat l-Avukat Kevin Mompalao bhala perit legali;

Rat ir-relazzjoni debitament guramentata tal-l-Avukat Mompalao a folio 76 et seq.

Rat il-verbal taghha tas-17 ta' Novembru 2006 f'liema cahdet it-talba ghan-nomina ta' periti perizjuri mitluba mill-attrici;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat u ezaminat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti fil qosor huma li l-kontendenti zzewgu fl-10 ta' Ottubru 1970 mill-liema zwieg kellhom erbat itfal, illum kollha maggorenni, u cioe' tlett ibniet u tifel. Il-provi juru li l-hajja konjugali taghhom kienet wahda normali almenu sakemm it-tfal tfarfru u beda jinqala' disgwid bejniethom anka dwar it-trobbija tal-ulied. L-attrici takkuza lir-ragel ta' adulterju, sevizzi, swat u mohqrija waqt li l-konvenut jirribatti li kienet martu, l-attrici, li rrendiet ruhha hatja lejh ta' adulterju, swat, mohqrija, ingurji gravi u zeblieh. Jinghad mal-ewwel illi l-akkuza reciproka ta' adulterju ma tinsabx pruvata. Imkien mill-provi ma jirrizulta b'mod sodisfacjenti, anka tramite indizji jew presunzjoniet, li parti jew ohra rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tal-parti l-ohra u din il-Qorti fuq il-provi minnha ezaminati assolutament ma individwalizzatx dak il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci li jnisslu fiha konvinciment li tista' tikkundanna parti jew ohra b'adulterju.

Issa, huwa ricevut gurisprudenzjalment illi l-mohqrija u s-sevizzi jfissru l-istess haga u jikkonsistu f'atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lejh huma diretti u li jaslu biex joholqu ezarrcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti. L-avarizja tar-ragel tista' tammonta ghall-sevizja li tirrendi l-konvivenza impossibbli izda meta tkun ezagerata u eccessiva *(Vol.XXXV.i.218*), fattur dan li mhux necessarjament jrrizulta hawnhekk malgrad li l-konvenut stqarr fix-xhieda tieghu li "fl-ahhar ma flahtx izjed u ddecidejt li galadarba marti ma kinitx ghada turini rispett, flus izjed ma nghatihiex… peress li dehrli li fid-dar kont qieghed ghal flus biss", meta mbghad kontrappost minn naha tal-attrici filli tghid fix-xhieda taghha li "jiena kont nipprova nzommlu billi ma nghamillux facendi…peress li zewgi ma kienx jaghtini flus, lanqas

ghat-tfal ghax kien jghidli ‘int hawn gew tapit’. Cirkostanzi dawn li jekk xejn juru li kienet hadet s-sopravvent l-inkejja reciproka li wkoll tidhol fl-ambitu tas-sevizzi.

Hemm l-allegazzjoni ta’ vjolenza reklamata mill-attrici bhala perpetwata minn zewgha fuqha u l-ulied, li ma tissarrafx biss mill-fatt fisiku izda tinkorpora wkoll dik psikologika. Din l-allegazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, tissusisti wkoll mill-atteggjament tal-konvenut fuq l-iskorta ta’ provi probanti li juru li hu bniedem ‘irraxxibbli u irruwenti’. Din il-vjolenza, li l-Qorti waslet biex tikkonkludi ddigenerat x’imdaqqiet wkoll fi swat, bla dubbju ta’ xejn, kien fattur determinanti, anka jekk mhux uniku, ghat-tifrik taz-zwieg. U hawnhekk sejra l-Qorti tiehu spunt mill-kawza *Terribile utrinque* deciza mill-*Prim’Awla fit-28 ta’ Frar 2003* li propozitament affermat li “is-swat ma huwa tollerat fl-ebda grad; il-kontinwita’ tieghu imbaghad taghmel l-ezistenza ta’ dak li jkun infern, li joffendu lill-persuna u jaggravaw il-konvivenza komuni gja difficli”.

Ghall-kumplament tac-cirkostanzi li waslu ghall-odjerna kawza ta’ separazzjoni tal-partijiet l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda u n-notamenti tas-Social Worker Peter Paul Portelli, nominat f’din il-kawza biex jassisti lill-partijiet, sakemm kompattibbli mal-konkluzjonijiet taghha kif hawn fuq riportati. Haga pero’ li ssib din il-Qorti kondivizibbli mal-fehma taghha hi li l-fatturi li waslu ghall-falliment taz-zwieg huma attribbwibbli liz-zewg partijiet izda mhux f’proporzjoni ugwali minhabba l-fattur tas-swat adoperat minn naha tal-konvenut anka jekk m’hemmx provi bizzejjed biex jinghad li din tas-swat kienet saret ‘mod ta’ hajja’. Jibqa’ indubitat pero’ li anka minhabba is-sevizzi reciproki biss, mehuda generikament, hemm bizzejjed li wiehed jikkonkludi li giet profondament vjolata r-rigwardi tal-konvivenza konjugali.

Issa permezz ta’ din l-azzjoni esperita minnha l-attrici talbet:

i. li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali, liema talba ser tigi milqugha;

ii. li jigu applikati l-Artikolu 48 sa 51 tal-Kodici Civili kontra l-konvenut, liema talba ser tigi michuda stante li t-tort tal-falliment taz-zwieg huwa attribbwibbli ghaz-zewg paratijiet anka jekk mhux f'proporzjon ugwali;
iii. li tigi dikjarata xjolta u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti, liema talba ser tigi akkolta u ser tigi trattata aktar 'l isfel f'dan il-gudikat;
iv. li l-kustodja tat-tifel minuri tigi afdata lill-attrici, liema talba ser tigi michuda minhabba li illum giet reza superfluwi bl-otteniment tal-eta' maggiorenni tat-tifel;
v. li tigi ffissata retta alimentari lill-attrici u lill-binha, liema talba, fir-rigward it-tifel ser tigi michuda stante li ghalaq l-eta' maggorenni u ma jirrizultax li hu indigenti, u, fir-rigward il-mara l-attrici, tichadha wkoll stante l-co-responsabilita' taghha fil-falliment taz-zwieg konsiderat ukoll li l-posizzjoni kif tirrisulta illum hi li z-zewg partijiet ma jahdmux u jircevu rispettivament xi forma ta' pensjoni jew assistenza socjali;
vi. li l-attrici tibqa' tghix fid-dar matrimonjali, liema talba ser wkoll tigi michuda salv dak li ser jinghad fir-rigward il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Dwar din il-kwistjoni tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti hemm qbil, li apparti ghamara fil-fond ta' residenza, karozza li ghandha z-zmien fuqha u l-istess fond, l-konjugi m'ghandhom xejn aktar salv garage li mhux proprjeta' taghhom izda jinsab b'kera ghandhom. Issa, stante li l-Qorti sabet li ghalkemm iz-zewg partijiet ghandhom igorru t-tort ghall-falliment taz-zwieg, it-tort akbar ghandu jgorru l-konvenut. Tiddisponi ghalhekk minn dina l-kwistjoni tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-fond ta' abitazzjoni tal-konjugi u cioe' tal-appartament numru 15, Triq it-Tabib Anton Tabone, Victoria, tassenja l-ghamara u dak li hemm f'dan il-fond lill-attrici, tassenja l-vettura u l-lokazzjoni tal-garage lill-konvenut. Tordna li mir-rikavat tal-bejgh b'licitazzjoni l-attrici ghandha tikkonsegwixxi ghaxart elef euro aktar mir-ragel cioe' li l-ewwel ghaxart elef euro tohodhom hi u l-kumplament jinqasam bin-nofs bejniethom.

Ghall-finijiet ta’ stima tal-fond il-Qorti qeghdha tinnomina lill-Perit Valerio Schembri u tordna li l-onorarju u d-drittijiet tieghu jithalsu bin-nofs mill-partijiet.

Tiddisponi ghalhekk mill-kawza billi tilqa’ l-ewwel u t-tielet talbiet fic-citazzjoni kif intqal u bil-mod kif intqal fuq u tichad il-kumplament tat-talbiet attrici.

L-ispejjez ghandhom jibqghu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------